**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Mercieca[1])**

**vs**
**Ivan Stivala**

**Kumpilazzjoni 412/2018**

**Illum 12 ta' Dicembru 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Ivan Stivala** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 352278 (M) billi huwa akkuzat talli nhar it-30 ta' Mejju 2018 f'xi hin filghaxija gewwa l-Gzira, Malta ;

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt billi saq vettura ghal fuq Jeremy Cardona sabiex jikkagunalu griehi ta' natura gravi, fejn id-delitt ma

[1] Tul il-mori tal-kawza l-Ufficjal Prosekutur kien assenjat f'taqsima ohra tal-Korp tal-Pulizija. Il-Qorti dejjem tirrakomanda li meta jigri hekk ghandu jkun hemm *handover* lil haddiehor. F'dan il-kaz ma sehhx hekk u wara li l-Ufficjal Prosekutur deher fil-5 ta' Ottubru 2018 u fid-19 ta' Novembru 2018 fejn ipprezenta ghadd ta' provi f'seduti ohra dehru ufficjali ohra biex ilahhqu l-kawza li hafna minnhom ma kienux dedotti tal-fatti tant li l-Prosekuzzjoni m'ghamlitx sottomissjonijiet finali.

giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.

2. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanza, saq vettura ta' ghamla Toyota b'numru ta' registrazzjoni EBU276 b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont u dan bi ksur tal-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Talli fl-istess data, hin u cirkostanza insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Jeremy Cardona u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Talli fl-istess data, hin u cirkostanza ghamel ingurji jew hedded mhux imsemmijin band'ohra fil-kodici kriminali jew, jekk kont ipprovokat ingurjajt b'mod li hrigt barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-**Artikolu 339(1)(e)**(sic)[2] tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Talli fl-istess data, hin u cirkostanza waqt li kien qed isuq vettura bil-mutur tal ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni EBU276 naqas li jkollu kontroll shih taghha u dan bi ksur tal-artikolu 68 L.S.65.11.

**<u>Il-fatt tal-kaz</u>**

Dan il-kaz hu mibni kollu kemm hu fuq allegat incident li sehh fil-Gzira fit-30 ta' Mejju 2018 fejn l-imputat kien qieghed isuq vettura ta' ghamla Toyota b'numru ta' registrazzjoni EBU276 u l-parte civile kien qieghed

---

[2] L-artikolu fil-komparixxi huwa indikat hazin, l-imputazzjoni kif imnizzla hi dik li jipprovdi ghaliha Artikolu 339(1)(d)

jaqsam it-triq. Il-parte civile jsostni li l-imputat ried itajjru u anke ghaddielu xi kummenti dispregjattivi.

**XHIEDA**

F'dan il-process xehdu tmien (8) xhieda kif gej ;

Spettur Mark Mercieca (*a fol* 19 et. seq.); Jeremy Cardona (*a fol* 25 et. seq.); Brian Farrugia (*a fol* 31 et. seq.); Dale Mifsud (*a fol* 38 et. seq.); PC1314 Raymond Ambrogio (*a fol* 46 et. seq.); PC470 Matteo Daga (*a fol* 52 et. seq.); PC376 Andrew Grech (*a fol* 54 et. seq.) u Martin Stivala (*a fol* 64 et. seq.).

**KONSIDERAZZJONIJIET GENERALI**

**Preliminari**[3]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod

[3] Il-Qorti qeghda tibbaza dan fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidħlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li mhumiex previsti mill-

Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk, quddiemha, huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra, jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huma principjі kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**L-ghodda biex tiddeciedi**

Il-Gudikant li jkun se jiddeciedi kif se jaghzel is-sikkrana mill-qamh? It-twegiba nsibuha f'decizjonijiet li taw il-Qrati taghna:

> *Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.*[4]

F'decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-kaz **Il-Pulizija** *vs* **Charles Bianco**[5] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

> Din il-Qorti kellha okkazjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent iżda jkunu qegħdin jixhdu *in rebus suis*, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi żgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "żgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-każ u jfakkru lil xulxin x'gara dakinhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn

[4] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz** fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

[5] Appell Kriminali Numru. 115/2006

xehdu dak li ftakru u kienu onesti biżżejjed biex ma "jikkorregux" il-verzjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkażjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaġa normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tiġi skartata.

Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

*id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal- każ.*

**<u>Decizjonijiet fuq il-provi fl-awla mhux x'jixxandar fil-media</u>**

Huwa perikoluz hafna drawwa li dahhlet li qeghdin isiru processi mill-poplu fit-triq u fuq il-mezzi tax-xandir, meta l-Qorti trid tiddeciedi biss fuq il-provi li jingabu quddiemha.  Hafna drabi waqt il-processi popolari fuq il-mezzi tax-xandir qeghda tinholoq narrattiva li meta fl-ahhar mill-ahhar il-Qrati jiddeciedu jkun hemm min jithawwad u bir-ragun jibda jsaqsi mistoqsijiet dwar id-decizjoni lit kun ittiehdet.  Il-Qorti hija tarka tal-poplu li jghix f'din is-socjeta u meta jkun hemm min jimmina l-fiducja

f'din l-istituzzjoni jkun qieghed imermer hajt ta' kenn li ghandu dan il-poplu fit-thaddim tad-demokrazija.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Camilleri et** moghtija fit-30 ta' Lulju 2009 fejn intqal:

> **"Hu appena necessarju jinghad li gudikant ghandu l-obbligu li jiddeciedi biss skond dak li jkun jirrizulta mill-provi jew mill-atti tal-kawza <u>u li b'ebda mod ma jhalli li l-gudizzju tieghu jigi b'xi mod influwenzat minn konsiderazzjonijiet estraneji ghall-process</u>".**

**<u>Provi Konflingenti</u>**

Kif jigri fil-maggoranza tal-kazijiet, il-Qorti hafna drabi tkun rinfaccjata b'verzjonijiet konflingenti ta' dak li jkun allegament sehh. Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deciza fid-19 ta' Mejju 1997: *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one"*. F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara:** jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun

timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

L-istess linja ta' hsieb giet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."*[6]

**<u>Il-filmat esebit</u>**

F'dan il-kaz huwa krucjali l-filmat esebit li huwa wiehed car hafna u jaghti stampa cara ta' x'gara ezattament f'dan il-kaz. Il-Qorti se tghaddi biex tanalizza l-prova il-filmat esbiet in atti immarkat bhala **Dok MM2** *a fol* 24 tal-process.

---

[6] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013); **Il-Pulizija vs Raymond Cassar** (deciza fit-13 ta' Jannar 2016).

Fil-ktieb *Electronic Evidence*[7], Stephen Mason jispjega li:

> *"Surveillance cameras are very much part of life in the twenty-first century, the foundations of which began in the latter decades of the twentieth century. Evidence of images from security cameras can be very helpful in identifying the perpetrators of crime, and the enhancement of the images, together with the use of more advanced techniques such as facial mapping, can help to identify parties to an offence."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jghid il-**Blackstone** fl-edizzjoni tal-2016 fejn meta jitkellem dwar ritratti, video recordings u films jghid li:

> *"A photograph (or film) the relevance of which can be established by the testimony of someone with personal knowledge of the circumstances in which it was taken (or made), may also be admitted to prove the commission of an offence and the identity of the offender."*[8]

Illi fir-regoli illi tfasslu f'kawza **R vs Turnbull** fl-Ingilterra, li ghalkemm ma jikkostitwixxu l-ebda regola taht il-ligi Maltija, huma linji gwida fil-kaz ta' l-identifikazzjoni tal-persuna akkuzata. Illi dana gie ukoll sottolinjat f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Stephen Zammit** (deciza 16 ta' Lulju 1998) fejn il-Qorti tat esposizzjoni tar-regoli Turnbull fid-decizjoni taghha:

> ***"First, whenever the case against an accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge***

---

[7] Ippubblikat minn LexisNexis U.K. t-tieni edizzjoni ppubblikata fl-2010 pg. 345 para. 10.91

[8] Pg. 2545 f'*Real Evidence* F8.58

*should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.*

*Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? If in any case, whether it is being dealt with summarily or on indictment, the prosecution have reason to believe that there is such a material discrepancy they should supply the accused or his legal advisers with particulars of the description the police were first given. In all cases if the accused asks to be given particulars of such descriptions, the prosecution should supply them. Finally,*

*he should remind the jury of any specific weaknesses which had appeared in the identification evidence.*

*Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.*

*All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger.*

Illi fil-ktieb tieghu Cross, **On Evidence** (6th edition) huwa jaghti definizzjoni ta' dak imsejjah bhala real evidence:

*'Things are an independent species of evidence as their production calls upon the court to reach conclusions on the basis of its own perception and not on that of witnesses directly or indirectly reported to it ...*

*Although it was devised by Bentham and adopted by Best, 'Real evidence' is not a term which had received the blessing of common judicial usage. There is general agreement that it covers the production of material objects for inspection by the judge or jury in court, but it is debatable how much further the term should be extended'.*

Cross imbaghad ighaddi sabiex jaghti diversi ezempji ta' dak illi jikkostitwixxi "real evidence" u fost dawn l-ezempji huwa jinkludi automatic recordings u ighid:

> ***'Most discussion has hitherto centred on the admissibility of tape-recordings, but this has now been supplemented by a thin trickle of authority on the admissibility of other media such as film, video-tape and computer output. In all of these cases the evidence is real evidence when it is tendered to show what it was that was recorded'.***

L-awtur Murphy, imbaghad fil-ktieb tieghu 'A Practical Approach to Evidence' (3rd Ed) jaghti dina id-definizzjoni ta' 'Real evidence' (fol. 7):

> ***'A term employed to denote any material from which the court may draw conclusions or inferences by using its own senses. The genus includes material objects produced to the court for its inspection, the presentation of the physical characteristics of any person or animal, the demeanour of witnesses (which may or may not be offered or presented to the court by design), views of the locus in quo or of any object incapable of being brought to court without undue difficulty and such items as tapes, films and photographs, the physical appearance of which may be significant over and above the sum total of their contents as such ... What is of importance in each case is the visual, aural or other sensory impression which the evidence, by its own characteristics produces on the court, and on which the court may act to find the truth or probability of any fact which seems to follow from it'. ...***

*'The court may look at and draw any proper conclusions from its visual observation of any relevant material object produced before it ... The tribunal of fact is entitled to act on the results of its own perception, even where it conflicts with other evidence given about the object ...'.*

Ikompli:

*'The court must, before admitting recordings as evidence be satisfied that the evidence which may be yielded is relevant and that the recording produced is authentic and original ... The above principles apply to the use of film produced by hidden, automatic security cameras installed in banks and elsewhere for the purpose of recording robberies and other incidents. The jury are entitled to consider the film as identification evidence of the persons recorded on it, subject to the foundational requirements stated above" see eg 'R v Dodson; R v Williams [1984] Crim LR 489; see "Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1979'.*

Fil-kawza **Taylor vs Chief Constable of Cheshire** (1986), Ralph Gibson LJ ighid:

*'Where there is a recording, a witness has the opportunity to study again and again what may be a fleeting glimpse of a short incident, and the study may affect greatly both his ability to describe what he saw and his confidence in an identification. When the film or recording is shown to the court, his evidence and the validity of his increased confidence, if he has any, can be assessed in the light of what the court itself can see'"*

Illi fil- kaz fl-Ingilterra **R vs Murphy and Maguire** (1990) l-Qorti stqarret:

> ***"We consider that the Turnbull guidelines should be applied and adopted as far as appropriate by a judge in a Diplock court to his assessment of the weight to be given to visual identification made from a video film, whether that identification purports to be made by a witness or witnesses, or by the judge himself. We see nothing in principle to justify a distinction between the consideration of the identification evidence of a bystander and that of a witness or judge who identifies from a video film screen. The imperfections of human observation, the dangers of suggestibility and the possibilities of honest mistake even by a plurality of witnesses still arise and justify the need for special caution before convicting."***

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI**

**<u>L-ewwel imputazzjoni</u>**

**<u>Tentattiv ta' offizi fuq il-persuna – artikoli 41, 214, 215 u 218 tal-Kap 9</u>**

Illi l-ligi titkellem dwar it-tentattiv ta' reat fl-artikolu 41 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi illi: "*Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dana il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel meta jinsab hati …. jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi.*"

Mela allura mill-qari tad-disposizzjoni tal-ligi, johorgu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu it-tentattiv u cioe':

1. Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.
2. Bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt.
3. In-nuqqas ta'esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati[9].

Illi ghalhekk l-ewwel u qabel kollox l-intenzjoni tad-delinkwent trid tigi manifestata permezz ta'l-hekk imsejjha atti preparatorji. Bil-fors illi irid ikun hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni specifika li jigi komess delitt, b'tali mod li ma thalli l-ebda dubbju dwar liema reat ikun qed jigi ikkontemplat. Madanakollu dawn l-atti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat-tenttativ u ghalhekk ghal xi htija fil-kamp penali, jekk l-hati ma ikunx ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt.

Kif ighid il-Professur Mamo fin-noti tieghu:

> *"To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the mens rea, nor if it goes no further than the stage of preparation."*

Madanakollu kif ikompli ighid il-Professur Mamo, huwa difficli sabiex wiehed jigbed linja ta' demarkazzjoni bejn dak li jikkostitwixxi atti

[9] Appell Nru: 211/2015 - Il-**Pulizija vs Charles Sciberras** deciz mill-Imhallef Edwina Grima fit-30 ta' Gunju 2016

preparatorji biss u dawk l-azzjonijiet li jistghu imbaghad jigu ikklasifikati bhala l-bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt. X'distinzjoni hemm bejn il-preparazzjoni sabiex wiehed jikkometti id-delitt u it-tentattiv ta'l-istess?

Il-Professur Mamo, isostni u dana fid-dawl ta' dak li ighidu diversi gurisiti prominenti fosthom il-Cararra, Maino u Liugi Masucci:

> *"So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in appearance is or can be innocent can be considered as a commencement of another offence. When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in order to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute the actual commission of the crime. If the act forms an integral parrt of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and is such that, however much repeated, it could never accomplish the consummation of that crime, the act is not an act of execution."*

Illi d-dispozizzjonijet relevanti dwar klassifikazzjoni tal-offizi fuq il-persuna fil-kamp penali huma s-segwenti:

> **214.** *Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja*

*ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f 'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna.*

**215.** *L-offiża fuq il-persuna tista' tkun gravi jew ħafifa.*

**216.** *(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tliet snin –*

*(a) jekk tista' ġġib periklu*

*(i) tal-ħajja; jew*

*(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*

*(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella*

*(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;*

*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*

*(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;*

*……*

*(2) Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matul il-marda, f'periklu attwali tal-ħajja jew tal-konsegwenzi msemmijin fis-subartikolu (1)(a), jitqies li l-offiża setgħat iġġib dak il-periklu fil-każ biss illi dan il-periklu kien probabbli minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża.*

*…….*

*218. (1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn disa'xhur sa disa' snin -*

*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*

*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.*

Illi biex jissusti r-reat tal-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Huwa ben stabbilit li:

*Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu.*[10]

---

[10] Ref **Pulizija vs Emanuel Zammit** Appell Kriminali deciz 30.03.1998.

Illi tenut kont li dak li huwa rikjest biex jissussisti r-reat ta' offiza volontarja huwa l-intenzjoni generika li tigi kawzata hsara, ghal xi zmien kien hemm dibattitu dwar jekk hux koncepibbli t-tentattiv ta' offiza fuq il-persuna. Fi kliem il-Professur Mamo:

*The principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible*[11].

Illi pero' l-Professur Mamo jkompli hekk:

*Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo*[12].

Illi referenza ghal dan id-diskordju taghmilha wkoll il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Repubblika vs Domenic Briffa**[13]:

*Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) jghid f'pagna 79:*

[11] Ref Notes on Criminal Law Vol II pagna 226.
[12] Ref op cit pagna 227.
[13] Deciza fis-16.10.2003.

"*Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo`*

*pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo."*

*Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima,* ***purche' jigi pruvat li l-agent kellu l- intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz***[14]*. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit- tieni lok.*

**<u>It-tieni (2) u l-hames (5) imputazzjoni</u>**

**<u>L-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65</u>**

**<u>Sewqan bla kont, traskurat u perikoluz</u>**

**<u>L-Artikolu 68 L.S.65.11.</u>**

L-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 jistabilixxi li:

*"Kull min - (a) isuq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenza tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma*

[14] Enfazi ta' din il-Qorti.

*jkollhiex liċenza, jew isuqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż, iżda ma tkun meħtieġa ebda liċenza dwar bicycle; jew (b) iġiegħel, iħalli jew jippermetti li l-vettura bil-mutur jew vettura oħra tiegħu tinsaq minn persuna li ma jkollhiex il-liċenza meħtieġa biex issuq vettura bil-mutur jew vettura oħra, ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu."*

Il-legislatur ma jaghtix definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi sewqan bla kont, traskurat jew perikoluz. Allura jispetta lill-gudikant li jaghti l-interpretazzjoni tieghu u jaghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas tal-legislatur.

Ta' ghajnuna f'dan ir-rigward hija s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** tas-6 ta' Mejju 1997 (Riportata f'Volum LXXXI.iv.57) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Il-Qorti kienet irriteniet li:

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

***Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni*

*tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.*

***Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara **The Police vs Charlotte Chamberlain,** Appell Kriminali, 21/5/96)".*

Il-kwistjoni jekk sewqan jistax jigi klassifikat bhala negligenti, bla kont jew perikoluz hija kwistjoni purament ta' *"degree"*.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Mario Gellel**, deciza fid-19 ta' Frar 2004 intqal li:

*"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. **Krim. Pul. Vs Charles Bartolo,** 14.3.59, **Pol. vs Wilson [Vol.** XXXIX iv. 1018] u **Pul. vs Alfred Vella** [Vol. XLIV, **p.** 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. **Krim. Pul. vs Hardingham,** 19.10.1963)."*

*Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim.* ***Pul. vs Charles Farrugia*** *[Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim.* ***Pul. vs Joseph Aquilina,*** *20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. vs Antonio Spiteri*** *[Vol. XLIV iv. 892])".*

Illi l-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet : **Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino**, deciza fil-15 ta' Jannar 1997 qalet illi:

*".... f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabbilta' ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta' dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima w immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabblita' u mhux l-ekwita' u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta' l-istess regolamenti, li wahdu jista' jipprevjeni l-incidenti."* (ara wkoll il-kawza : **Amadeo Mea vs Carmelo Vella** (Appell Civili, 24 ta' Jannar 1966).

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Gudikatura Kriminali kif preseduta fis-sentenza taghha : **Pulizija vs Clayton James Fenech**, deciza fit-23 ta' Mejju 2016 (Kaz. Nru. 1041/2011) qalet:

*"f'materja ta' incidenti stradali il-provi indizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn*

*dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjah 'esprit de voiture'. U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, jridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat ... hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali b'mod partikolari l-wirt li hallielna dwar materji ta' traffiku l-Imhallef Joe Galea Debono u dan minhabba l-esperjenza twila li kellu bhala espert tat-traffiku qabel ma ssejjah biex iservi fil-Gudikatura huma gwida ghall-Qorti meta tkun qieghda tiddelibera dwar kazijiet bhal dan in ezami. L-Imhallef Galea Debono fil-kaz il-**Pulizija vs Luke Falzon**[15] deciz fis-18 ta' Ottubru 2007 jelenka numru ta' decizjonijiet u t-taghlim taghhom:

Fil-kaz **"Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes"** ([3.5.1953] Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108) gie ritenut li:- *"sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari, imma ma hemmx bzonn li l-manuvra tikkonkretizza ruha f'konsegwenzi dizastruzi. Il-ligi in tema ta' sewqan perikoluz tikkuntenta ruha bil-perikolu potenzjali u ma tridx il-perikolu tradott fir-realta'."*

[15] Appell Kriminali Nru 287/07

Fl-appell kriminali "**Il-Pulizija vs. Claudia Camilleri**" [15.11.1996.] intqal li "il-fatti – inkluzi l-provi indizjarji – "*circumstantial evidence*" jistghu jkunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti …dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "*presumptions of fact*". These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact."

Speed jista' jigi dedott mit-tul tal-*brake marks* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. A.I.C. Mortimer**" Vol. XL. iv. p.1282).

**<u>It-tielet u raba' imputazzjoni</u>**

**<u>Artikolu 339(1)(e)</u>**

**<u>Artikolu 339(1)(d)[16]</u>**

Illi l-imputat fit-tielet (3) imputazzjoni gie mixli bl-akkuza kontravvenzjonali mahsuba fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali.

Ir-raba' (4) imputazzjoni li "*iħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi*" hija alternattiva ghat-tielet (3) imputazzjoni.

---

[16] L-artikolu fil-komparixxi huwa indikat hazin, l-imputazzjoni kif imnizzla hija dik li jipprovdi ghaliha Artikolu 339(1)(d)

Illi:

**'Fil-kuntest ta` l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, theddida tfisser li l-agent jipprospetta lill-persuna ohra hsara ingusta fil-futur (liema hsara ma tkunx tammonta ghal reat iehor ikkontemplat band'ohra fil-Kodici), liema hsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta` ta` l-istess agent.'**[17]

In oltre fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Joseph Gauci** ġie kkunsidrat is-segwenti:

**Biex ikun hemm theddid is-suggett attiv irid ikun qed jipprospetta - bil-kliem, gesti jew b'mod iehor - xi forma ta' hsara ingusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suggett passiv. Huwa veru li ma hemmx ghalfejn li l-hsara prospettata tkun determinata fis-sens li jigi indikat b'xi grad ta' precizjoni l-interess, guridikament relevanti, tas-suggett passiv li jkun qed jigi minaccat; u f'dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jghid: ".e` sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita` della persona a cui e` rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: 'ti faro` vedere di che cosa sono capace'" . Pero` dan it-turbament dejjem irid ikollu xi bazi oggettiva.**[18]

---

[17] Pulizija vs Joseph Frendo deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kif ippreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar is-7 ta' Lulju 1995.
[18] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) u ppreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar it-12 ta' Ġunju 2003.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Il-**Pulizija v. Silvio Buttigieg** fejn intqal:

*"Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-kelma adoperata mill-appellanti b'mod generiku u bla ebda rabta ma xi persuni ohra, agir partikolari w eventi partikolari, "in common parlance" u fil-kontest li fih tintuza il-lum il-gurnata, ma tistax titqies bhala ingurja gravi, l-istess bhal ma' l-kelma generika "qahba" giet ritenuta li ma tikkostitwix ingurja gravi imma biss l-ingurja kontemplata fis-subartikolu (2) tal-artikolu 252 . Ghalkemm il-veru sinifikat tal-kelma hu dak li hu w cioe' li jimplika li persuna hija omosesswali, fil-gergo ta' kulljum, din il-kelma - li sfortunatament spiccat fuq fomm hafna nies - saret tfisser persuna sgradevoli, antipatika, kiesha jew li mhux ta' min wiehed ikollu x'jaqsam maghha u dan ghal kull raguni kwalsiasi mhux necessarjament minnhabba konnotazzjonijiet omosesswali. B'dan din il-Qorti b'ebda mod ma trid tnaqqas il-portata jew il-gravita' tar-reat kommess kontra persuna fdata b'servizz pubbliku bhal ma kien P.S. Sciberras u minhabba dan is-servizz li hu jkun wettaq , kif jirrizulta li gara f'dan il-kaz. Il-membri tal-Korp tal-Pulizija ghandhom xoghol difficli ferm u dan, kull ma jmur, qed isir aktar difficli, perikoluz u impenjattiv u ghalhekk huma ghandhom kull dritt li jistennew li jkollhom il-protezzjoni tal-ligi w tal-Qrati fl-esekuzzjoni legittima tad-doveri taghhom. Din il-Qorti hija altru milli konxja minn dan.*[19]

[19] Appell Kriminali Numru. 141/2010 Prim Imhallef Vincent De Gaetano deciza fis-16 ta' Lulju, 2010

Intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Paul Attard**, tas-27 ta' Settembru 2007:

*"Illi minn din it-testimonjanza jirrizulta li l-insult li gie rivolt lejn mart l-appellant kien jikkostitwixxi ingurja semplici li taqa' taht l-art. 252 (2) u/jew l-artikolu 339 (e) tal-Kodici Kriminali u skond il-gurisprudenza din hija kompensabbli meta l- istess persuna ingurjata tirritalja bl-istess mod b' ingurji fil-konfront tal-persuna li tkun qed tingurjaha. F'dan il-kaz il-parti leza lejalment stqarret li hi hallset lura bl-istess munita meta ghall-ingurja "lesbjana" irritaljat bil-kelma ingurjuza "pufta" w dan iwassal biex inehhi responsabilta' kriminali fir-rigward tat-tieni akkuza.*

*F' kull kaz ir-raba' akkuza ta' ingurja taht l-artikolu 252(1) ma tirrizultax minhabba li l-ingurja saret bi kliem mhux specifikat fis-sens li fil-gergo popolari tal-lum sfortunatament il-kliem "lesbjana" u "pufta" saru komuni hafna kull meta wiehed ikun irid jghajjar lil xi hadd anki jekk il-parti leza b'ebda mod ma jkollha xi tendenzi omosesswali. Dan il-kliem kif gja intqal normalment jaqa' taht ir-reat kontemplat fis-subinciz (2) tal-istess art. 252, sakemm ma jkunx akkumpanjat minn xi riferenza specifika ghal xi attivita' omosesswali ta' dak li jkun bhal per ezempju meta tissemma l-persuna l-ohra li jkollha xi relazzjoni mal-parti leza jew xi att immorali specifiku li jkun qed jigi attribwit lil dak li jkun.*

Kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali:"Il-**Pulizija vs. Josianne Bonello**" [16.1.2003]:-

*"Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-kelma adoperata mill-appellanti b'mod generiku u bla ebda rabta ma xi persuni ohra, agir partikolari w eventi*

*partikolari , "in common parlance" u fil-kontest li fih tintuza il-lum il-gurnata , ma tistax titqies bhala ingurja gravi, l-istess bhal mal-kelma generika "qahba" giet ritenuta li ma tikkostitwix ingurja gravi, imma biss l-ingurja kontemplata fis-subartikolu (2) tal- artikolu 252. Ghalkemm il-veru sinifikat tal-kelma hu dak li hu w cioe' li jimplika li persuna hija omosesswali, fil-gergo ta' kuljum, din il-kelma - li sfortunatament spiccat fuq fomm hafna nies - saret tfisser persuna sgradevoli, antipatika, kiesha jew li mhux ta' min wiehed ikollu x'jaqsam maghha u dan ghal kull raguni kwalsiasi u mhux necessarjament minnhabba konnotazzjonijiet omosesswali".*[20]

**KONKLUZZJONI**

Il-Qorti fliet sewwa *CCTV footage* esebit flimkien mal-istills li ttiehdu minnu.

Il-parte civile **Jeremy Cardona** xehed li:

*Xhud: Kont miexi x-Xatt tas-Sliema dakinhar li ghamilt ir-rapport.*
*Pros: Meta kien?*
*Xhud: Id-data ezatt ghandu jkun fl-ahhar tax-xahar.*
*Pros: Ta' liema xahar?*
*Xhud: Gunju.*
*Pros: Fejn kont miexi?*

[20] Appell Kriminali Numru. 231/2002 deciz mill-Imhallef Joe Galea Debono deciza fis-16 ta' Jannar, 2003

*Xhud: Kont miexi max-Xatt tal-Gzira, kif kont ghaddej minn hdejn il-Lukanda Bay View kien hemm pickup imma jien bqajt miexi, kien hemm xi storbju qisu bhal ghajjat ta' xi hadd imma jien bqajt miexi. Kif kont gejt biex naqsam biex nibqa miexi dritt nara van, jiena waqaft ghax ma kontx naf jekk hux ha jibqa ghaddej jew jieqaf, jien harist lejh. Hu ghamilli s-sinjal biex jiena naqsam. Jiena hekk ghamilt, kont qsamt kif imbaghad rajtu gej ghalija jiena grejt, imn'Alla habbni li jiena nigri ghax kieku kien jolqotni u kien iweggani zgur u jiena hrabt u mxejt. Imbaghad kien hemm nies ohra, mbaghad irriversja u hemmhekk fejn jiena xxokjajt, fejn hu qalli darba ohra ghoqod fin-nofs ha ntajjrek u qalli l- kliem hazin.*
*Pros: U x' qallek?*
*Xhud: Qalli: Ghax ma qghadx fin-nofs ja pufta, mbaghad mexa, jiena waqaft ghidtlu ghalfejn qed tghajjarni u baqa' jerga jghidha ghal darba ohra : Oghqod fin-nofs halli ntajrek u baqa' jghidli pufta u mexa u jiena mbaghad kont ixxokjat.*

*[…]*

*Pros: Issa inti ghidt illi kont qieghed fejn il-Bay View Hotel sewwa, erga spjega x'innotajt u jekk gharaft lil xi hadd hemmhekk?*
*Xhud: Mela jiena kont miexi normali, fil-pront nara van ipparkjat pick-up griz ipparkjat u ghajjatli, jiena harist, ha nkun onest mhux b'ismi pero' smajt il x' jismu u harist lura ghidt ma nafx jekk hux ghalija jew le u jiena mbaghad gejt biex naqsam u hu mexa warajja u kif kont jiena ha naqsam waqaft, rajtu gej, jiena harist lejh, ghamilli sinjal biex naqsam, ghidtlu: Thank you u mxejt. Kif appena rajt ii-karozza gejja*

*ghalija jiena grejt. Jiena grejt ghax kien jolqotni zgur u zgur kont inwegga ghaliex it-triq hija vera zghira, hemm dar, kien hemm hadid u zgur kont inwegga imma grejt.*[21]

Ix-xhud **Dale Mifsud** xehed:

*Xhud: Jekk m'inhiex sejjer zbaljat it-tletin (30) ta' Mejju, imma ma nafx x'kienet bhala data. Imbaghad waqaft fil-kantuniera ghax waqaft ghax kelli habiba gejja ghalija biex nohorgu u jiena u nistenna fil-kantuniera kont qed inhares wicci lejn il-bahar, imbaghad sellimli Jeremy, jien sellimtlu lura u jien kont qieghed fil-kantuniera, hawnhekk hawn kantuniera ohra u taqsam it-triq u kif Jeremy qasam it triq kien hemm van Toyota fejn imbaghad saq kif Jeremy kien qieghed jaqsam, imbaghad Jeremy gera ghal faq il-bankina.*

*[…]*

*Pros: Issa int ghidt li rajt Iil Jeremy u wara rajt Toyota, x'rajt int isir bejniethom dawn, x'gara? Xi hadd kellem lil xi hadd?*
*Xhud: Jien ma rajthomx jitkellmu, jigifieri jien li naf li kien hemm il-van qieghda hekk ma fejn hemm il-kafiterja mbaghad qasam Jeremy u saq il- van hu u jaqsam Jeremy.*
*Pros: Jigifleri inti ghidt li l-van saq meta qasam Jeremy?*
*Xhud: Ezatt meta qasam Jeremy l-van jew kien gej bil-mod jew kien wieqaf, ghax jien ma tajtx kaz il-van ovjament, jien just kemm sellimt*

---

[21] Xhieda ta' Jeremy Cardona fis-seduta tal-Gimgha 5 ta' Oltubru, 2018

*hi Jeremy u daqshekk. Li naf imbaghad malli qasam Jeremy gholla l-ispeed tal-van ghal got-triq fejn kien qed jaqsam Jeremy.*

*Pros: Meta dahal ghal got-triq fejn kien qed jaqsam Jeremy x'gara?*

*Xhud: Imbaghad naf Ii kien hemm xi tghajjir minn naha ta' min kien qed isuq il-van lejn Jeremy.*

*Pros: X' tip ta' tghajjir?*

*Xhud: Naf li ntuzat il-kelma pufta u ntuzaw kliem iehor bejniethom, imbaghad Jeremy qallu ghalfejn*

*Qorti: Kliem iehor bejniethom x'kien?*

*Xhud: Fejn qallu pufta u jekk m'iniex sejjer zbaljat qallu xi haga: Darba ohra ntajrek.*

*Qorti: Jekk mhux sejjer zbaljat, jien ezatt irrid inkun naf hawn, ezatt id- diskors.*

*Pros: Ghid il-kliem li inti cert minnu mhux li m'intix cert minnu, jigifieri jekk ghandek xi dubju fuq xi kelma ahjar ma tghidhiex.*

*Xhud: Li ntuzat zgur il-kelma pufta, imbaghad li qallu zgur li darba ohra ntajrek, il-kelma li qallu darba ohra ntajrek m'iniex cert fuqha, imma li qallu darba ohra ntajrek zgur ghax dik smajtha.*[22]

Wara li rat il-filmat ghal diversi drabi l-Qorti tiddikjara li kieku strahet biss fuq l-istills u ma ratx sew il-filmat kienet tkun zvijjata meta tigi biex tiddeciedi. Il-Qorti jkollha tirrimarka li meta fliet il-*footage* hasset li l-investigaturi f'dan il-kaz raw xi *footage* iehor u mhux dak li hawn esebit fl-atti. Il-Qorti ghandha dubju kemm il-parte civile ra l-*footage* esebit.

[22] Seduta tat-Tnejn 19 ta' Novembru, 2018

Il-parti tal-filmat crucjali tibda minn 16.30.00 sa 16.31.30.

Fil-filmat jidru persuni jaqsmu t-triq, b'wiehed partikolari li l-Qorti qieghda tissopponi li hu l-parte civile ghaliex fil-kaz ma kienx mistoqsi biex jiddentifika lilu nnifsu fl-istills esebiti. Parti mit-triq kienet ostakulata minn mutur ipparkjat hdejn il-kafiterija fil-kantuniera faccata.

Il-parte civile qieghed jaqsam bil-lajma, kajman ihares biss lejn il-lemin tieghu u titfacca vettura li qabel kisret mit-triq ewlenija ghal dik sekondarja tieqaf halli l-persuni jaqsmu.

L-parte civile jidher incert x'se jaghmel ghaliex waqaf milli jkompli jaqsam meta l-vettura kienet wieqfa fit-triq ewlenija.

Kien f'dan il-mument li min kien qieghed isuq il-vettura kompla miexi bi speed li normalment jintuza biex taqla' meta l-vettura tkun wieqfa fit-triq fuq ix-xellug.

F'dak il-hin il-parte civile jhaffef il-pass u jaqsam in-naha l-ohra u jkompli miexi.

Fil-filmat ma jidher l-ebda reazzjoni tal-parte civile lanqas biss idur lura. Normalment meta xi hadd jghaddilek kliem dispregjattiv idur lura u tara minn fejn gej dan il-kliem jekk inghad u thoss li dan kien indirizzat lejk.

Min kien qieghed isuq il-vettura irriversja l-vettura, gie fit-triq ewlenija u baqa' sejjer, ma jidhirx li hemm sinjali ta' xi diskursata bejn il-partijiet involuti. Jew inkella waqt li kien qieghed isuq tul il-front ma jidhrux gesti ta' xi hadd li jidher fil-filmat li jaghtu kaz li kieku tassew gew indirizzati xi kliem lejn xi hadd.

Ic-*cctv footage* jikkontradixxi hafna mix-xhieda li nghatat mill-parte civile u ta' Dale Mifsud. Dan barra li l-parte civile ghalkemm jiftakar certu dettalji tal-incident ma jiftakarx meta kienet id-data meta sehh l-allegat incident. Dale Mifsud jaghti deskrizzjoni li ma tirriflettix dak li tassew sehh skont kif johrog mill-filmat u lanqas ftakar xi kliem inghad hlief il-kelma "pufta" liema kelma fil-kuntest li ntuzat kien hemm drabi fejn il-Qrati taghna waslu ghall-konkluzzjonijiet taghhom jekk hiex ingurjuza jew le kif kien trattat aktar 'l fuq.

Huwa minnu li fl-**Artikolu 638(2) tal-Kap. 9** ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegati reati. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

Din il-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni lil hinn minn dubbju dettat mir-raguni illi fil-fatt l-imputat huwa hati tal-akkuzi migjuba kontrih, specjalment invista tal-footage esebit li ma jikkorraborax dak li xehdu x-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni u bl-eda mod ma jissodisfaw l-ingredjenti li jsawwru l-imputazzjonijiet migjuba kontrih.

**DECIDE:**

Il-Qorti ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u tilliberah minnhom.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**